MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Numru 1335/2012

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Mercieca

Spettur Michael Mallia)

vs

Roderick Baldacchino

Rat l-I mputazjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 510978m akkuzat talli nhar il-15 ta' Settembru 2010 ghal habta tal-5.30pm u/jew qabel din l-istess data u hin u?jew wara l-istess data u hin, f'dawn il-Gzejjer:

1. ghad li ma kienx wiehed mill-persuni imsemmija fil-paragrafu (a), (b), (c) tal-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur David Mifsud u/jew lill-awtur/I ohra, li ghadhom mhux maghrufa, ta' delitt ta' serq ta' somma konsiderevoli ta' flus kontanti minn vettura BMW, numru ta' registrazzjoni DOD 062, liema serq li twettaq nhar il-15 ta' Settembru 2010 ghal habta tal-5.35pm fi Triq ix Xehda, Naxxar, kienet aggravate bil-vjolenza, bil-mez, bil-valur , li

jeccedi €2329.37, u bix-xorta tal-haga misruqa u li saret ghad-dannu ta' Doriette Tedesco u/jew ta' xi persuna/I u/jew ta' xi entita u/jew entitajiet ohra;

2. irrenda ruhu recidiv permezz ta' sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistra Dr.Consuelo Scerri Herrera LL.D nhar l-10 ta' Settembru 2003.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu ai termini tal-artikoli tal-ligi minn citati bghat l-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jinstema sommarjament;

Semghet il-provi;

Rat l-atrti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-fatti fil-qosor huma kif ser jinghad: fl-10 ta' Settembru 2003 saret serqa ta' somma konsiderevoli aggiranti ghal circa sittin elf liri Maltin ghad-dannu ta' certa Doriette Tedesco. Il-flus kienu rikavat ta'bejgh minn stabbilimenti ta' negozjuli kellha d-derubata gewwa Paceville, wiehed minnhom restaurant jismu 'Fluid'. Is-serqa twettqet minn terz, mhux l-imputat, fi Triq ix-Xehda, Naxxar, faccjata minn fejn toqghod id-derubata. Saret fil-hin tal-5.35pm meta d-derubata kienet waslet id-dar mix-xoghol fl-imsemmi restaurant. L-imputat gie mixli qua komplici stante li skond il-prosekuzzjoni forna lil terz, li ghamel is-serqa, b'informazzjoni b'hekk li ghen jew assista lill-awtur tas-serq. Intant, dan l-awtur inkixef, gie processat u sentenzjat. Sussegwentement u b'konsegwenza t'hekk ittiehdu l-odjerni proceduri konta l-imputat.

Intant, ai termini tar-rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali l-imputat gie mixli propju ghab-bazi ta' komplicita' izda mhux biss billi derhlu l-Avukat Generali li jakkuza l-imputat bis-serq li jghati sfond ghal dawn il-proceduri, b'recidiva u li kiser ordni ta' probation.

Issa, anka qari superficjali tal-process tibbasta biex l-imputat jigi skagunat mill-akkuza ta' serq u mill-process jirrisulta li ghalkemm treggi r-recidiva l-akkuza li kiser ordni ta' probation ma tapplikax stante li gja ittiehdet in konsiderazzjoni fi proceduri qabel.

Trattata l-akkuza principali, ossija ta' komplicita', l-artikolu tal-ligi citat mill-Avukat Generali, ossija l-Artikolu 42 tal-Kap 9, jistqarr minn ghandu jitqies bhala komplici f'reat. Din hija kull persuna li biex isir r-reat: ikun ta ordni jew istruzzjonijiet jew ikun gieghel li jsir r-reat b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi, ghemil qarrieqi jew abbuz ta' awtorita' jew setgha; jew ikun konsapevolment ipprokura l-armi, l-ghodod jew mezzi ohra li ikunu ntuzaw fl-ghemil tar-reat; jew ikun xjentement ghen jew assista biex dan isehh; jew inkoraggixxa kemm qabel jew wara li jsir.

Fil-kaz in meritu t-tezi tal-prosekuzzjoni hi li l-imputat ghen jew assista lill-awtur tad-delitt billi fornih b'informazzjoni dwar il-movimenti tad-derubata. Issostni l-prosekuzzjoni li l-imputat li f'dak iz-zmien kien impiegat bhala 'waiter' fir-restaurant 'Fluid' ta' proprjeta' tad-derubata kien ghamel telefonata lill-awtur tad-delitt, kif intqal certu David Mifsud, javzah li d-derubata kienet telqet mir-restaurant u kif kienet taghmel f'dak il-perjodu jgorr basket maghha. Il-provi tal-prosekuzzjoni huma f'dan il-kaz cirkostanzjali li jistghu indubjament jwaslu ghall-konvicju tal-imputat. Provi cirkostanzjali m'humiex ta' valur probatorju anqas minn evidenza diretta jekk b'sahhithom tali li l-inferenzi li johorgu minnhom huma 'compelling'. Fil-kaz odjern indizju hi t-telefonata li l-imputat ghamel mat-tluq tad-derubata mir- restaurant lill-imsemmi David Mifsud.  Telefonata li 'per se' mhi xejn izda meta abbinata mal-fatt li l-imputat kien jaf li d-derubata kienet f'dak il-perjodu iggorr maghha basket billi gja vittma ta' serq, il-fatt li huwa u l-imsemmi Mifsud kienu jafu lill-xulxin u mhux biss ghaliex tal-ahhar kien ghamel perjodu, qasir kemm kien qasir, jahdem f'dan ir-restaurant flimkien mal-imputat u il-fatt ta' dak li jistqstqarr ix-xhud (fol. 582 et seq) dwar li l-imputat kien semmilu s-serqa li kienet prospettata li issir kontra d-derubata u li bhala fatt jirrisulta li effettivament saret, tassumi din it-telefonata importanza rilevanti. Dan anka ghaliex mill-elenku tat-telefonati li ghamel l-imputat lil Mifsud u vice versa (anka fil-gurnata tas-serqa) baqaw bla spiegazzjoni konvincenti minn naha tal-imputat li sostna li t-telefonati li kien jaghmel lill-Mifsud kienu biex ihalsu ta' xi flus li kien selfu. Haga din li frankament din il-Qorti mhux qeghdha temmen.

Ghaldaqstant issib l-imputat hati ta' komplicita' u li hu recidiv. Tilliberah mill-akkuza ta' serq u ksur ta' ordni ta' probation. Rat l-Artikolu 42(d), 43, 49 u 50 tal-Kap 9. Tikkundannah ghal istess piena inflitta lill-awtur David Mifsud igifieri sentejn prigunerija sospiza ghal erba snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 – izda eskluz l-ordni ta' probation maghha - fil-waqt li tordna li jittiehdu proceduri kriminali kontra dan ta' l-ahhar  ghal spergur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------